Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,333, 23 ta' Ottubru, 2024

Taqsima B

A.L. 276 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Sport and Physical Activity - B.Sc. (Hons) SPA - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Sport and Physical Activity - B.Sc. (Hons) SPA - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Sport and Physical Activity - B.Sc. (Hons) SPA - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport, ippubblikati bħala Avviż Legali 191 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Tul tal-Kors**

5. Il-Kors jinfirex fuq perjodu ta' tlett snin ta' studju fuq bażi full-time jew l-ekwivalenti ta' studju fuq bażi part-time."

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok it-titlu tal-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Provvedimenti għall-Korsijiet offruti fuq Bażi Part-Time**"

Iż-Żieda tal-ordinament 12 mal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinament 12 li ġej għandu jidħol wara l-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali:

"12. Il-Kors jista' jkun offrut fuq bażi part-time flessibbli b'dawn il-provvedimenti speċjali skont il-provvedimenti mniżżla fir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 applikabbli bit-tibdiliet neċessarji meħtieġa (*mutatis mutandis*) minħabba n-natura part-time tal-Kors:

(a) Matul kull sena akkademika, l-istudenti jitħallew jirreġistraw għal għadd ta' taqsimiet-studju kif maqbul mal-Koordinatur tal-Kors, li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 12-il krettu ECTS, diment li r-reġistrazzjoni għat-taqsimiet-studju inklużi fil-programm ta' studju għal kull sena tal-Kors (60 krettu ECTS) tkun mifruxa fuq mhux aktar minn tlett snin akkademiċi;

(b) Sabiex jgħaddu minn sena tal-Kors għall-oħra b'mod regolari, is-60 krettu ECTS assenjati għal kull sena tal-Kors għandhom ikunu kompletati f'mhux aktar minn tlett snin akkademiċi;

(ċ) L-istudenti li ma jattendux għall-valutazzjoni ta' taqsima-studju, jew li jeħlu fil-valutazzzjoni ta' taqsima-studju, għandhom, jekk eliġibbli, ikunu meħtieġa jagħmlu l-valutazzjoni ta' kwalunkwe għadd ta' taqsimiet-studju mhux kompluti bħal dawn fis-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru jew fl-ewwel opportunità li jmiss;

(d) Jekk neċessarju, l-istudenti jistgħu jitħallew jirreferu l-valutazzjoni ta' taqsimiet-studju għas-sena akkademika li jmiss, diment li mhux aktar minn 12-il krettu ECTS jistgħu jkunu riferuti minn sena tal-Kors għall-oħra;

(e) Il-valutazzjoni tat-taqsimiet-studju li jistgħu jkunu riferuti għas-sena akkademika li jmiss għandhom jitqiesu bħala miżjuda mal-għadd minimu ta' kretti (12-il krettu ECTS) li l-istudenti huma obbligati jirreġistraw għalihom matul kwalunkwe sena akkademika;

(f) L-istudenti li, wara li jkunu rreġistraw għat-taqsimiet-studju kollha fil-programm ta' sena tal-Kors, u li wara s-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru jonqoshom aktar minn 12-il krettu ECTS biex itemmu l-programm tas-sena tal-Kors,

jistgħu jitħallew, jekk eliġibbli u wara parir akkademiku, jirreferuhom għas-sena akkademika li jmiss li matulha huma ma jitħallewx jirreġistraw għal xi taqsimiet-studju oħrajn. Jekk sena akkademika bħal din tkun meħtieġa b'żieda mal-perijodu massimu ta' tlett snin li hemm referenza għalih fis-sottoparagrafu (b) ta' dan l-ordinament, din tkun meqjusa bħala sena akkademika addizzjonali;

(g) L-istudenti li, wara li jkunu rreġistraw għat-taqsimiet-studju kollha inklużi fil-programm tas-sena finali tal-Kors, jistgħu, jekk meħtieġ u jekk eliġibbli, jirreferu kwalunkwe taqsimiet-studju mhux kompluti għal sena akkademika addizzjonali;

(h) Sena akkademika addizzjonali, jekk meħtieġa skont il-provvedimenti tas-sottoparagrafi (f) jew (g) ta' dan l-ordinament, tista' tingħata darba biss matul il-Kors, ħlief f'ċirkostanzi speċjali u bl-approvazzjoni tas-Senat;

(i) L-istudenti reġistrati fuq programm fuq bażi part-time flessibbli għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-Koordinatur tal-Kors qabel ma jirreġistraw għat-taqsimiet-studju li huma jixtiequ jsegwu f'xi sena akkademika;

(j) Suġġett għall-approvazzjoni tal-Bord, l-istudenti reġistrati għall-Kors jistgħu jitħallew jibdlu l-mod tal-attendenza minn full-time għall-part-time flessibbli jew viċiversa fil-bidu tat-tieni sena tal-programm ta' studju regolari. Tibdiliet fil-mod tal-attendenza f'xi sena sussegwenti tal-Kors jistgħu jkunu kkunsidrati mill-Bord jekk il-programm tal-Kors jippermetti; u

(k) Minkejja l-provvedimenti tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 minħabba n-natura tal-Kors meta offrut fuq bażi part-time flessibbli li jippermetti tul aktar min-normal, l-istudenti reġistrati fuq programm tal-Kors part-time flessibbli bħal dan m'għandhomx ikunu la intitolati li qatt jirrepetu sena tal-Kors sħiħa, u lanqas għal sena ta' estensjoni wara kull sena tal-Kors."